## 18 ta' Novembru, 1944.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Raimondo Ellul** *versus* **Antonia Ellul (*)**

**Barriera tal-Ġebel — Ħajt Diviżorju — Użu Lokali.**

*Huwa użu lokali illi meta wieħed jiftaħ barriera, u l-ħajt diviżorju jkun neħħieħ huwa, u huwa jkun neħħa u ħa l-blat ta' taħtu, dak il-ħajt għandu jiġi mibni minnu a spejjeż tiegħu skond is-sengħa, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.*

**Il-Qorti**, — **Rat** iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li qal illi l-konvenuti, jew wieħed minnhom, huma obligati jibnu skond il-liġi l-ħajt li jaqsam il-barriera tagħhom mir-raba' tiegħu li jinsab il-Qrendi, imsejjaħ "Ta' Xagħar Imqalleb", fil-kuntrada "Ta' Xagħar Imqalleb", għaliex il-ħajt li kien jeżisti ġie minnhom imneħħi u kienu obligaw ruħhom jibnu dak il-ħajt; u li l-konvenuti bdew jibnu dak il-ħajt, imma mhux skond il-liġi; talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati, it-tnejn jew wieħed minnhom, jibnu skond il-liġi l-ħajt fuq imsemmi fiż-żmien li jiġi lilhom prefiss; u fil-każ li dana ma jagħmluhx, jiġi huwa stess awtorizzat jagħmel dak ix-xogħol għas-spej'eż tal-konvenuti; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru 1943;

**Tikkunsidra ;**

***Omissis ;***

Illi ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-ħajt in kwistjoni għandhom jibnuh il-konvenuti għas-spejjeż tagħhom; għaliex, kif jirriżulta, u kif jammetti l-istess konvenut fix-xhieda tiegħu, huwa użu illi meta wieħed jiftaħ barriera, jekk il-ħajt diviżor'u jkun neħħieh huwa, u huwa jkun neħħa u ħa l-blat ta' taħtu, dak il-ħajt għandu jerġa' jibnieh huwa a spej-

(*) Konfermata fl-Appell, 5. 3. 45.

jeż iogħu, jekk ma jkunx hemm ftehim in kuntrarju. F'dan l-każ il-konvenuti jammetti li l-ħajt neħħieh huwa u l-blat ta' taħtu hadu huwa, u li ma kien hemm ebda ftehim; u għal-hekk, u billi l-għalqa tappartjeni lill-konvenuta martu, għaliex wirtitha minn għand missierha, huma l-konvenuti li għandhom itelgħu l-imsemmi ħajt għas-spejjeż tagħhom;

Illi dak l-użu, kif madankollu għandu jkun l-użu, huwa konformi għall-ġustizzja, għaliex min ikun neħħa l-ħajt, u qata' u ħa l-blat ta' taħtu, ikun ibbenefika ħafna b'valur ta' ġebel u frankar ta' xogħol. Invero l-konvenut jammetti li f'dan il-każ dak il-blat kien jiswa ċirka £40 u ġew iffrankati ċirka £24 spejjeż għax-xogħol tat-trinka li kien ikollha ssir f'każ kuntrarju;

Illi ma' dan kollu l-konvenuti bdew minn rajhom itellgħu l-ħajt, u qatt ma qalu lill-attur kemm nefqu, jew talbuh iħallashom, u anzi jgħidu li tellgħuh (dep. tal-konvenut fol. 18). L-attur, iżda, jippretendi li mhux imtella' kollu, u li dik il-parti li ġiet mibnija mhix mibnija sewwa skond l-arti u skond il-liġi;

Illi mill-perizja jirriżulta illi għar-rigward tad-difetti fil-pedament...........;

Għal dawn il-motivi, wara li tilqa' l-konklużjonijiet tal-perizja;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet, billi tikkundanna lill-konvenuti jibnu skond l-arti u skond il-liġi l-ħajt indikat fiċ-ċitazzjoni li jaqsam l-imsemmija barriera tagħhom mill-imsemmi raba' ta' l-atturi, mil-livell tal-għalqa ta' l-attur kif spjegat fir-rapport tal-perit, fi żmien xahar mil-lum, għas-spejjeż tagħhom taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett u Inġinier Civili Raffaele Pitrè, u tawtorizza lill-attur jibni huwa stess dak l-istess ħajt, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit, għas-spejjeż tal-konvenuti, fil-każ li dawn jonqsu jibnuh huma fiż-żmien li ġie lilhom mogħti;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenuti.